MFSA

MALTA FINANCIAL SERVICES AUTHORITY

**STQARRIJA GĦALL-MIDJA**

**ARM ASSET BACKED SECURITIES S.A. [“ARM”]**

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta’ Malta [“MFSA”] tixtieq tiġbed l-attenzjoni tal-pubbliku għal stqarrija u “*Frequently Asked Questions*” li ġew ppubblikati mill-Commission de Surveillance du Secteur Financier [“CSSF”] fl-4 u l-24 ta’ Settembru rispettivament. Is-CSSF huwa r-regolatur finanzjarju fil-Lussemburgu.

Fl-istqarrija tagħha, is-CSSF ħabbret li fil-21 ta’ Awwissu 2013, it-tribunal amministrattiv tal-Lussemburgu kkonferma s-sentenza li kienet ingħatat mill-qorti amministrattiva tal-prim’istanza tal-Lussemburgu fir-rigward tad-deċiżjoni li ttieħdet mis-CSSF li ma tawtorizzax lil ARM Asset Backed Securities S.A. [“ARM”] bħala entità regolata li tista’ toħroġ sigurtajiet (“*regulated securitisation undertaking*”) taħt il-liġi tal-Lussemburgu. Id-deċiżjoni tat-tribunal amministrattiv hija finali u ma tistax tiġi appellata. Dan ifisser li d-deċiżjoni tas-CSSF li ma tagħtix awtorizzazzjoni lill-ARM hija issa finali.

Is-CSSF issottomettiet talba fil-Qrati tal-Lussemburgu biex jibda l-proċess tax-xoljiment u l-istralċ ta’ ARM.

Il-Qorti tal-Lussemburgu issa se tinnomina mħallef supervisorju, li ħa jkun reponsabbli għas-superviżjoni tax-xoljiment ta’ ARM, kif ukoll tal-likwidatur jew likwidaturi skont il-każ.

L-MFSA se tkun qed tinforma lill-pubbliku meta d-deċiżjoni li tordna x-xoljiment u l-istralċjar tal-ARM tiġi ppublikata mil-likwidatur skont kif stipulat mil-liġi tal-Lussemburgu. Il-pubblikazzjoni ser tindika l-perjodu meta l-kredituri tal-ARM ikunu jistgħu jissottomettu t-talba tagħhom għal ħlas. L-MFSA tappella lill-investituri li għandhom investiment fl-ARM biex jieħdu parir indipendenti sabiex ikunu jistgħu jagħmlu t-talbiet tagħhom.

Għal dawk l-investituri li għandhom investimenti fi tranches 9, 10 u 11 (hekk imsejjħa ‘pending investors’), l-MFSA hija infurmata li d-deċiżjoni aħħarija dwar min għandu dritt legali għall-flejjes hija f’idejn il-likwidatur appuntat mil-Qorti.

Sabiex wieħed ikun jista’ jiddetermina kemm l-investituri kollha fl-ARM jistgħu jitħallsu lura, il-likwidatur irid l-ewwel jiddetermina minn għandu jedd legali għal flejjes ta’ tranches 9, 10 u 11 li qatt ma ġew investiti.

Il-komunikati bl-ingliż qegħdin fuq is-sit tas-CSSF (www.cssf.lu/publications/communiques/news-cat/108/)

**Communications Unit**
**Awtoritá Għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta**
**30 ta’ Settembru, 2013**
**Ref: MFSA MR 06/2013**